# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru 28**

**Rikors Numru 347/16**

**Charles u Maria Dolores konjugi Grech**

**v.**

**Cecil Herbert Jones**

1. Dan huwa provvediment moghti fuq rikors maghmul mill-konvenut Cecil Herbert Jones u prezentat fid-29 ta' Lulju 2016, pendenti proceduri ta' ritrattazzjoni imressqa mill-istess konvenut fl-istess data.

2. Permezz tar-rikors in dizamina, il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti: [1] tikkonferma li hu huwa mehlus milli jgib il-garanziji kollha imsemmija fl-Artikolu 823 [2][a] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili billi

huwa kien inghata il-beneficju tal-ghajnuna legali, [2] tiddikjara li l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' April 2016 "aktarx" tikkaguna pregudizzju akbar lill-konvenut milli lill-atturi u, [3] tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti sakemm tinqata' l-kawza ta' ritrattazzjoni.

3. Il-konvenut qed jibbaza t-talbiet bin-numbri [2] u [3] fuq konsiderazzjonijiet li gew hekk imfissra minnu:

> "…… in succint l-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmja tohloqlu pregudizzju akbar minn dak li t-twaqqif tal-esekuzzjoni johloq ghall-parti kuntrarja ghax jekk issehh l-esekuzzjoni huwa jispicca barra t-triq, waqt li l-konvenuti jistghu jsofru biss dewmien fl-esekuzjoni. Di piu` jigi umilment rilevat ukoll li jirrizulta mill-atti relattivi li l-kontro-parti ghandhom ir-residenza taghhom, u ghalhekk ma jidhirx illi ghalihom is-sitwazjoni hija wahda ta' emergenza mentri ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tal-konvenut.
>
> "….. ghal dak li jirrigwarda lill-[konvenut] certament is-sitwazzjoni tieghu ser tihzien jekk hu jinhareg barra mill-post. Dan maghdud mal-konsiderazzjoni li [hu] ghandu 58 sena, huwa b'mezzi limitati u sahansitra jbati minn kundizzjoni fis-sahha tant li anke ricentement kellu jinzamm l-Isptar minhabba problemi respiratorji, iwassalna …..[ u ghalhekk jghid li l-pregudizzju li ser isofri hu huwa] lampanti u reali."

4. L-atturi minn naha taghhom laqghu ghall-ahhar zewg talbiet tal-konvenut bis-segwenti sottomissjonijiet. Li l-konvenut qed jibbaza t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-appell fuq id-dispost tal-Artikoli 811[k] u 811 [l] tal-Kodici, jigifieri li hemm dokument allegatament gdid li ma kienx f'idejh waqt il-proceduri u li sar zball li jirrizulta mill-atti tal-kawza.

5. L-atturi jsostnu li d-dokument li qed jirreferi ghalih il-konvenut huwa kont mahrug mill-Arms Ltd. li seta' facilment ingieb matul il-

proceduri ordinarji. Apparti minn hekk ma jistax ikun hemm zball li jidher mill-atti jekk il-bazi tal-allegat zball huwa dokument li lanqas biss huwa fl-atti.

6. Huma jissenjalaw li waqt il-proceduri rrizulta li linja tat-telephone fil-fond in kwistjoni ma kienx hemm u li z-zewg linji li kien hemm wahda fis-sena 1999 u l-ohra fis-sena 1998 kienu gew maqtugha minhabba nuqqas ta pagament. Inoltre, mill-provi rrizulta li ma hemmx dawl u ilma fil-fond. Kif xehdet ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma, konsum ma kienx hemm mis-sena 2005 'il quddiem. Jissottometti wkoll li l-konvenut kien iddepozita fil-Qorti l-arretrati ta' sitt snin kera b'cedola wahda prezentata fis-sena 2007, peress li kien gie rinfaccjat bil-kawza.

7. L-atturi jkomplu jissottomettu li:

> "…. it-talba ghal waqfien tal-ezekuzzjoni trid bil-fors tinqara mat-talba hekk kif dedotta fir-rikors tar-ritrattazzjoni. Ir-ritrattand m'huwiex qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza kollha izda semplicement [wiehed jiddubita kemm dan jista' jsir u s-sottomissjoni f'dan ir-rigward tinsab fir-risposta appozita] tat-tieni, tielet u sitt agravju……..ghalhekk, l-ezekuzzjoni xorta tista' ssir ghaliex anke jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tordna ritrattazzjoni ta' dawl l-aggravji [u mhux kapi skont it-talba] allura l-meritu u d-decizjoni finali ma jinbidilx."

8. Jikkonkludu billi jghidu li issa ghandhom bzonn il-fond ghat-tifla taghhom u ser isofru pregudizzju kbir jekk tintlaqa' t-talba ghas-sospensjoni.

9. Din il-Qorti, wara li rat l-atti, id-dokument anness mar-rikors tat-talba ghar-ritrattazzjoni li huwa kopja parzjali ta' dokument, ikkonsidrat li l-kaz jirrizali ghas-sena 2007 meta kienet giet istitwita l-kawza mill-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Il-kaz kien gie deciz fis-sena 2012 b'ezitu sfavorevoli ghal Cecil Herbert Jones, allura konvenut. Sussegwentement sar appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti, li eventwalment gie deciz fid-29 ta' April 2016. Issa, bil-proceduri straordinarji odjerni istitwiti fid-29 ta' Lulju 2016 l-istess konvenut qed jitlob is-smigh mill-gdid tal-appell. Kontestwalment qed jitlob it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 sakemm tinqata' l-kawza ta' ritrattazzjoni.

10. Din il-Qorti, wara debita konsiderazzjoni tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti, mhix tal-fehma li t-talba tal-konvenut hija gustifikata u li hu ser isofri pregudizzju akbar mill-atturi jekk it-talba tieghu ma tintlaqax. Tul dawn id-disa' snin proceduri gudizzjarji li rrizultaw f'ezitu favorevoli ghall-atturi dawn baqghu privati mill-godiment tal-proprjeta` taghhom u, fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li aktar dewmien sabiex l-atturi jiehdu dak li, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti, iddecidew li huwa taghhom bi dritt jissarraf fi pregudizzju anqas minn dak li allegatament isofri l-konvenut bl-esekuzzjoni tas-sentenza.

Decide

Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet numru 2 u 3 tal-konvenut m'humiex gustifikati u qed jigu michuda, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li superfluwa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df